MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 1014/1997/1

**Norman u Gemma mizzewgin Zammit kif ukoll Christopher u Quennie mizzewgin Camilleri u b’digriet tal-25 ta’ Gunju 2004 stante l-mewt tal-attur Christopher Camilleri l-atti gew trasfuzi f’isem l-istess Quennie armla tal-istess Christopher.**

**Vs**

**Sandro Spagnol**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Peress illi fil-21 ta' Ottubru 1996 f'Rue D'Argens, il-Gzira waqt li l-konvenut, Sandro Spagnol kien qed isuq il-vettura numru AAD 051 huwa habat mal-vettura numru C-2874, proprjeta' tal-atturi Norman u Gemma mizzewgin Zammit u misjuqa minn Quennie Camilleri;

Peress illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut Sandro Spagnol, u dana billi huwa naqas milli josserva r-Regolamenti tat-Traffiku meta wasal f' Traffic *Light* u baqa' hiereg nonostante li s-sinjal kien ahmar u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura tal-atturi Norman u Gemma mizzewgin Zammit garbet hsarat konsiderevoli tant illi giet dikjarata '*beyond economical repair'* u dana kif sejjer jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi l-konvenut interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-incident imsemmi baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza,

Jghid ghalhekk il-konvenut, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, ghaliex m'ghandiex dina l-Qorti:

(1) Tiddikjarah unikament responsabbli ghal incident fuq imsemmi li gara fil-limiti tal-Gzira fil-21 ta' Ottubru 1996 u ghad-danni li soffrew l-atturi;

(2) Tilliikwida d-danni sofferti mill-atturi jekk hemm bzonn bl-opra ta' Periti nominandi u

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' April 1997 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa imharrek ghas-subizzjoni u ghal l-ispejjez tal-ittra ufficjali pprezentata

kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

1. L-ewwel talba tal-atturi ghandha tkun michuda billi l-incident awtomobilistiku *de quo* ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort ta' l-attrici Quennie Camilleri li kienet qed issuq il-vettura Nru. C-2874.

2. It-tieni talba ghandha tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha a fol. 17 li bih gie nominat l-espert mediku Mr. Carmel Sciberras;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert a fol. 47;

Rat id-digriet a fol. 55;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Talba**

Dina l-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li gara fil-21 ta' Ottubru 1996 f'Rue D'Argens, il-Gzira, meta l-

konvenut, Sandro Spagnol, li kien qed isuq il-vettura numru AAD 051 habat mal-vettura numru C-2874, proprjeta’ ta’ l-atturi Norman u Gemma mizzewgin Zammit u misjuqa minn Quennie Camilleri. Il-konvenut wiegeb li hu mhux responsabbili ghall incident.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F’dan l-incident iz-zewg sewwieqa qed isostnu li meta qasmu salib it-toroq f’ Sliema Rd ma’ Rue D’Argens, fejn hemm it-*traffic lights*, id-dawl kien fuq l-ahdar. Fil-fatt fl-okkorrenza s-surgent li investiga l-incident nizzel li s-sewwieqa qalulu hekk:

*Sewwieqa tal-car C 2874 (CBE196) stqarret li kienet gejja minn Sliema Rd biex taqsam Rue D’Argens u meta l-lights qaleb fuq l-ahdar qasmet wara l-karozzi li kienu sejrin minn quddiemha. Meta waslet biex taqsam Rue D’Argens Van Nru AAD051 baqa’ diehel go fiha.*

*Sewwieq tal-van Nru AAD051 staqrr li huwa waqaf fuq ir-Red Lights u meta qaleb fuq l-ahdar saq u sab il-kar C 2874 quddiemu, ipprova jieqaf imma kien tard wisq.*

Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, il-konvenut sostna li hu kien wieqaf minhabba d-dawl ahmar, u meta qaleb ghall ahdar, saq u l-Lada baqghet hierga minn Sliema Rd fl-istess hin u dahlet fih. L-istess irrepetew iz-zewg passigiera li l-konvenut kellu mieghu.

Meta xehdet fil-Qorti, Quennie Camilleri qalet li f’Sliema Rd, kien hemm zewg karozzi quddiemha li flimkien maghhom kienet qed tistenna t-*traffic lights* jaqilbu minn ahmar ghal ahdar. Hekk kif id-dawl qaleb saqu z-zewg karozzi ta’ quddiemha u hi saqet warajhom. Sakemm harget kien ghadu fuq l-ahdar. Hekk kif harget madwar tlett kwarti mill-karozza hasset daqqa kbira fuq il-gemb tal-karozza fuq in-naha tal-lemin, fin naha tas-sewwieq. Bid-daqqa l-karozza daret, imbaghad hadet daqqa ohra fuq in-naha ta’ wara tax-xelluq mal-kantuniera f’Rue D’Argens. Wara l-incident il-konvenut kien ghinha tohrog

mill-karozza u waqt li kien qed jghinha qalilha li lanqas biss kien induna bit-*traffic lights*.

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti tasal biex tikkonkludi li l-versjoni ta’ l-attrici Camilleri hija aktar verosimili u taqbel mar-realita’ tal-fatti kif graw u hi korroborata minn diversi xhieda ohra prodotti.

Dwar il-kwistjoni jekk kienx hemm xi hsara fil-*lights* kif donnu gie allegat mill-konvenut, jirrizulta li fil-fatt ma kien hemm xejn minn dan.

Norman Zammit, missier l-attrici xehed li meta mar fuq il-post ta’ l-incident hu kien kellem lill konvenut u dan qallu li z-zewgt idwal kienu xeghlu hodor fl-istess hin. Il-konvenut jichad li kellem lill Zammit.  Zammit pero’ zied jghid li hu gibed l-attenzjoni tas-Surgent ta’ x’kien qallu l-konvenut u kien rah lis-Surgent jiccekkja l-*lights* jekk kienux qed jahdmu tajjeb.  Is-Surgent Wilfred Imbroll ikkonferma li dak in-nhar it-*traffic lights* kienu qed jahdmu sewwa.

Il-kwistjoni ghalhekk ma kienitx li kien hemm xi hsara teknika fil-*lights* imma li xi wiehed mis-sewwieqa ma obdiex il-lights u baqa ghaddej fuq l-ahmar. Mill-provi prodotti jirrizulta li kien il-konvenut li baqa’ ghaddej meta l-*lights* kienu homor.

L-attrici xehdet li wara l-incident, meta l-konvenut kien ghinha tohrog mill-karozza u waqt li kien qed jghinha, qalilha li lanqas kien induna bit-*traffic lights*.

Is-Surgent isemmi li fuq il-post kien hemm wahda mara li qaltlu li semghet lis-sewwieq tal-van (il-konvenut) jghid li lanqas kien jaf li kien hemm *traffic lights* hemmhekk. Din kienet Maria Tereza Zammit li giet prodotta bhala xhud kemm fil-kawza kriminali kontra l-konvenut kif ukoll f’dina l-kawza. Hija xehdet li hi tigi z-zija ta’ l-attrici u wara l-incident kienet rat lill Quennie fil-hanut u marret tara x’kien inqala’ billi kienet qed tibki u kienet eccitata.  Waqt li kienet hemm kien hemm ragel li kellem lill Quennie u qal diskors fis-sens li huwa lanqas biss kien jaf illi kien hemm

it-*traffic lights*. Quinnie qalitlha li dik il-persuna kienet dahlet fiha.

Determinanti hija x-xhieda tax-xhud okulari Lawrence Borg li kien prezenti meta gara l-incident jistenna wara l-*lights* homor. Il-konvenut u l-passiggiera li kellu mieghu jinjoraw il-presenza ta' dana x-xhud billi jsostnu li huma kienu l-ewwel wara l-*lights* u li ma kien hemm hadd qabilhom. Il-Qorti pero' ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tiskarta ix-xhieda ta' Borg, li wara kollox kien xhud li s-Surgent nizzlu fuq l-okkorrenza bhala li kien prezenti.

Lawrence Borg xehed li kien waqaf f'Rue D'Argens qabel it-*traffic lights* ghax kienu qalbu ghall-ahmar u kompla hekk:

*"Malli jien waqaft, rajt van li kien gej minn warajja jaqbizni minn barra u cioe minn fuq in-naha tal-lemin, hiereg bi speed qawwi fl-istess direzzjoni lejn l-Imsida u qabez lili, naturalment f'dan il-mument it-traffic light kien ahmar. Sadanittant rajt karozza Lada ta' kulur ahmar hierga minn Sliema Road u…malli harget ..il-van .. baqa' diehel fuq din il-vettura b'mod illi bid-daqqa li tah lill-karozza Lada, dawwarha. Sakemm qed nara dan smajt hoss tremend".*

Borg ikkonferma li l-konvenut kien qasam meta l-*lights* kienu homor. Jghid ukoll li l-konvenut ma kienx laqat il-karozza li kienet harget qabel dika ta' l-attrici u li l-incident gara meta l-van kien qieghed *wrong side*.

Il-konvenut isostni li meta l-Lada harget ma kienx hemm karozzi qabilha, izda x-xhieda l-ohra xehdu l-kontra fis-sens li qabel l-attrici hargu zewg karozzi ohra. Anke x-xhud prodott mill-istess konvenut, Jason Borg, jikkonferma li qabel harget il-Lada harget karozza ohra. Dan kollu juri li l-karozzi kienu hergin minn Sliema Rd, ghax id-dawl kien qaleb ghall-ahdar u mhux kif ipprova jaghti x'jifhem il-konvenut fil-Qorti (imma mkien iehor) li l-attrici gietha xi *black out* u l-kuluri m'gharfithomx

Il-konvenut qed jirritjeni ukoll li sabiex tigi accertata sewwa dina l-kwistjoni l-Qorti ghandha toqghod fuq l-iskizz u tistrieh fuq provi oggettivi fosthom il-fatt li ghalkemm ix-xhud okulari Lawrence Borg jghid li ra lill konvenut jissorpassah *wrong side* meta hu kien wieqaf minhabba t-*traffic lights* homor, l-iskizz juri mod iehor, ghax il-konvenut qieghed indikat fuq il-karreggjata tax-xellug tat-triq.

Mill ezami ta' l-iskizz jirrizulta li fil-fatt il-konvenut qieghed indikat fin-nofs tat-triq, u dana gie anke konfermat mix-xhud tieghu stess, Joseph Zaffarese li qal li l-karozza taghhom spicca fin-nofs tat-triq. (ara skizz for 7). Dan jaqbel ukoll mal-konfigurazzjoni tat-triq fejn il-karozzi jridu jieqfu ftit il-boghod mill-lights, ghalhekk meta l-konvenut qabez il-karozza ta' Lawrence Borg dana setgha jerga jidhol mir-*wrong side* lejn nofs it-triq kif spicca jidher fl-iskizz.

Ix-xhieda ta' Lawrence Borg li l-konvenut kien gej bi *speed* qawwi hija konfermata mil-hsarat kagjonati fil-vetturi u mal-fatt li bid-daqqa l-van dawwar il-Lada, habbatha mal-hajt u gabha *total loss*. Altru milli kien ghaddej bl' 20?? Kieku verament il-konvenut kien ghaddej bl' 20 (mili jew kilometri fis-siegha) u skond hu ghadu kemm ser jaqla' minn fuq il-*lights*, hu kien ikun f'posizzjoni li jwaqqaf il-karozza billi jibbrekja. Izda jirrizulta li l-konvenut ma zamm ebda *brake* billi meta baqa' ghaddej fuq l-ahmar sab lill Lada mal-ewwel ma' wiccu.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident gara unikament tort tal-konvenut li ma waqafx fuq id-dawl ahmar u billi kien ghaddej bi *speed* eccessiv li poggih f'posizzjoni li ma setghax iwaqqaf tempestivament u jevita l-incident.

**Danni**

**Valur tal-vettura**

L-atturi Norman u Gemma Zammit qeghdin jirreklamaw danni fil-vettura taghhom li giet dikjarata *total loss*. Din il-

vettura kienet qed tigi misjuqa mill-attrici Quennie Camilleri, it-tifla taghhom.

Is-Surveyor Joseph Buttigieg xehed li l-*pre-accident value* tal-Lada kien ta' Lm1,400 mentri r-*wreck value* kien ta' Lm200, (ara *Survey Report* a fol. 74). Il-konvenut mhux qed jikkontesta l-*pre-accident value* imma qed jirritjeni li d-decizjoni li r-*wreck* tigi *garaged* mill-attur kienet irragjonevoli u mhux gustifikata ghalhekk l-ammont spettanti lill konjugi Zammit m'ghandux jeccedi Lm1,200.

Il-Qorti tifhem li sakemm il-kwistjoni dwar ir-responsabilita' ghas-sinistru tigi deciza ma' l-assikurazzjoni l-attur ma setghax jiddisponi mill-vettura. Inoltre anke biex tiddisponi minn *wreck* trid iz-zmien ukoll, ghalhekk l-attur kien intitolat li jzomm il-karozza garaxxjata. Il-Qorti tikkonkludi li l-ammont ta' Lm200 li hallas l-attur ghal *garaging* u li kien il-valur tar-*wreck*, ghandu jithallas ukoll lill-atturi Zammit. Ghalhekk l-ammont ta' Lm1,400 hu dovut.

L-attrici Quennie Camilleri qed titlob danni materjali li sofriet minhabba l-incident, kif ukoll telf ta' qligh minhabba debilita' permanenti li batiet f'dan l-incident.

**Damnum Emergens**

Dwar dawn id-danni l-konvenut issottometta li fejn mill-provi jirrizulta telf materjali konsistenti fi spejjes ta' medicini, tobba u telf ta' paga, hu jirremetti ruhhu. Dawn id-danni jikkonsistu fis-segwenti:

**Lm306.20**: cjoe Lm376.35 tnaqqas Lm70.15 ta' Mr. Sciberras, (ara ricevuti fol. 107-113).
*Sick leave* minghajr hlas: **Lm62.95**

**Lucrum Cessans**

Il-Qorti kienet innominat espert mediku – Mr. Carmel Sciberras biex jezamina lill Quennie Camilleri u l-espert ikkonkluda li hi kellha debilita' permanenti ta' 4%. Hu jghid

li hafna mis-sintomi li tilmenta minnhom l-attrici Camilleri huma suggettivi u m'hemmx evidenza oggettiva ghalihom. Izda dawn is-sinomi u l-effetti taghhom jistghu jibqghu jkarkru ghal zmien twil jekk mhux tul il-hajja tal-pazjenta.

L-attrici tidher lil ma qablitx ma dina l-istima billi t-tabib li hija kienet ikkonsultat kien taha persentagg akbar, u kienet anke prezentat talba ghal nomina ta' periti addizzjonali li pero' ma gietx segwita (fol. 53).

Il-konvenut issottometta li l-Qorti ghandha toqghod fuq id-debilita' permanenti stabilita mill-espert nominat minnha li ezamina lill attrici fi zmien aktar recenti minn dak li sar mit-tabib ex parte.

F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel li ghandha toqghod fuq il-persentagg ta' 4% stabbilit mill-espert mediku minnha nominat.

Bhala salarju baziku l-attrici kienet tircievi Lm215.25 fix-xahar fil-1996 (fol. 113). Il-konvenut isostni li s-salarju li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa dak rilevanti fiz-zmien ta' l-incident debitament u ragjonevolment aggustat minhabba l-inflazzjoni imma mhux minn fatturi bhal *earning potential* li diga kien minimu fiz-zmien tal-incident u mehud fil-kuntest tad-dizabilita' zghira hafna li giet stabbilita'.

L-incident gara fil-21 ta' Ottubru 1996 u l-kawza giet prezentata fin 1997 u sal lum il-kawza ghada biss ser tigi deciza fil-Prim Istanza. Il-konvenut issottometta li t-tnaqqis ghandu jsir gradwalment bejn id-data tal-prezentata tac-citazzjoni u d-data tas-sentenza. Jissottometti ukoll li kien hemm dewmien li m'ghandux ibatih il-konvenut kif jirrizulta mill-process.

F'dan ir-rigward f'kwistjoni ta' *lump sum payment* jinghad fil-kawza fl-ismijiet "Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe." (P.A. (JSP) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995 :

*“Fir-rigward tar-riduzzjoni ghall-‘lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorta ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-‘lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data”.*

Fil-kaz in ezami diga ghaddew ghaxar snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li m’ghandha ssir ebda riduzzjoni minhabba l-*lump sum payment*.

Is-somma li ghandha tircievi Quennie Camilleri bhala telf ta’ qligh ghandha tinhadem hekk :

Lm3,000 x 30 x 4% = Lm3,600
Damnum Emergens = Lm369.15
**B’Kollox = Lm3,969.15**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici
Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal incident li gara fil-limiti tal-Gzira fil-21 ta’ Ottubru 1996 u ghad-danni li soffrew l-atturi;
Tilliikwida d-danni sofferti mill-atturi Zammit fl-ammont ta’ elf u erba’ mitt lira Maltin (**Lm1,400);**
U ta’ Quennie Camilleri fl-ammont ta’ tlett elef, disa’ mija sitta u disghin lira Maltin u hmistax il-centezmi (**Lm3,969.15);**
U tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-sommom hekk likwidati;

bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza fir-rigward ta’ Quennie Camilleri

u mid-data tan-notifika tac-citazzjoni fir-rigward ta' l-atturi Zammit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------